MALTA

ATT Nru. XXXV ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 106.

ACT No. XXXV of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Arms Ordinance, Cap. 106.

Iżda meta wieħed jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu minħabba fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu jew ta' ħaddieħior, huwa ma jeħel ebda piena,"; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "F'din il-liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "F'xi liċenza bħal din",

Sostituzzjoni tal-artikolu 4 tal-Liġi prinċipali.

3. Minflok l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Bla preġudizzju għad-disposizzionjiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana jew ta' xi liġi oħra, kull min, mingħair liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, jimporta iew idaħħal f'Malta, jew jesporta minn Malta xi arma tan-nar jew munizzjon, u kull min jġiegħel li tiġi mportata, imdaħħla f'Malta, jew esportata minn Malta, jew xientement jgħin jew jassisti fi kwalunkwe mod fl-importazzjoni jew dħul jew fl-esportazzjoni minn, Malta ta' xi arma tan-nar jew munizzjon, jeħel, meta jinsab ħati, it-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa ħames snin.

Kap. 60

(2) Kutt min ibiegħ jew b'xi mod ieħor jittraffika f'xi arma tan-nar jew munizzjon jew iżomm jew jesponi għall-bejgħ jew għal xi traffikar ieħor xi arma tan-nar jew xi munizzjon mingħair ma ikollu liċenza, jew awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub, mill-Kurnmissarju tal-Pulizija, jeħel, meta jinsab ġati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa ħames snin.

(3) Kull min jittraffika f'armi regulari, li ma humiex armi tan-nar, jew iżomm jew jesponi għall-beigħ l-imsemmija armi regulari mingħair ma ikollu liċenza mill-Kummissariu tal-Pulizija, jeħel, meta jinsab ħati, it-piena ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin lira Maltija jew priġunerija għal żmiem ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Jemenda l-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

4. Fl-artikolu 5 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "tal-multa" għandhom jidħlu l-kliem "ta' multa ta'mhux inqas minn mitt lira Maltija",

Jemenda l-artikolu 9 tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "tal-multa" għandhom jidħlu l-kliem "ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira, Maltija".

Jemenda l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "Il-persuni fis-servizz navali, militari jew ta' l-aira tal-Maestà Tiegħu r-Re jew fil-Korp tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "Persuni fil-Forzi Armati ta' Malta jew fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta".

Jemenda l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

7. Fl-artikolu 18 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "liċenza maħruġa" għandhom jidħlu l-kliem "jew awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija".

Jemenda l-artikolu 19 tal-liġi prinċipali.

8. Fl-artikolu 19 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "arma tan-nar" għandha tidħol il-kelma, "munizzjon".

Jemenda l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali.

9. L-artikolu 20 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minnufih wara l-kliem "arma tan-nar" għandha tidħol il-kelma "munizzjon";

(ii) minflok il-kliem "din l-arma tkun tinsab" għandhom jidħlu l-kliem "din l-arma jew munizzjon ikunu jinsabu"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kelma "arma tan-nar" għandha tidħol il-kelma "munizzjon".

10. Fl-artikolu 21 tal-liġi prinċipali minnufih wara l-kliem "arma tan-nar" għandha tidħol il-kelma "munizzjon". Jemenda l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali.

11. Minnufih wara l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandha tidħol din il-proviso ġdida: Jemenda l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

"Iżda meta dawn l-armi jkunu jikkonsistu f'armi tan-nar li jkunu għadhom jiffunzjonaw, kull min jiġi f'pussess ta' xi arma bħal din għandu, fi żmien tliet xhur, jirreġistra dawn l-armi tan-nar għand il-Kummissarju tal-Pulizija, u fin-nuqqas li jagħmel dan, jeħel, meta jinsab ħati, multa.".

12. Minnufih wara l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikou 22A mal-liġi prinċipali.

"Gugarelli f'għamla ta' armi.

22A (1) Ebda persuna ma tista' tbiegħ jew toffri għal bejgħ, ġugarelli f'għamla ta' armi tan-nar, armi regolari, munizzjon jew ponnijiet tal-ħadid jew ta' materjal iebes ieħor.

(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jeħel meta jinstab ħati multa ta' mhux anqas minn għaxar liri Maltin u mhux aktar minn mitejn lira Maltija.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 27 u 30 ta' din l-Ordinanza ma għandhomx japplikaw dwar reati taħt dan l-artikolu.".

13. Fl-artikolu 19, fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 u fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tal-liġi prinċipali fit-test Malti, minflok il-kliem "ponn tal-ħadid" għandhom jidħlu l-kliem "ponn tal-ħadid jew ta' materjal iebes ieħor". Jemenda t-test Malti tal-artikoli 19 u 25 (1) (c) (2) tal-liġi prinċipali.

14. Minflok l-artikolu 27 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 27 tal-liġi prinċipali

"Ma japplikawx l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, u l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali.

27. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin u ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali ma japplikaw għal ebda reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.".

15. Minnufih wara l-artikolu 27 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda: Żieda ta' artikoli ġodda mal-liġi prinċipali.

"Ir-reati jingiebu quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

28. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja r-reati kollha kontra din l-Ordinanza.

Proċedimenti Dwar reati.

29. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28, il-proċedimenti kontra, kull persuna għal xi reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali.

Iżda, minkejja d-dispożjzzjonijiet ta' l-artikolu 388(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosrkuzzjoni jew ta' l-akkuzat, tniżżel ix-xiehda mogħtija mix-xhieda bil-mod provdut jew fl-artikolu 403 (6) ta' l-istess Kodiċi jew f'xi liġi oħra li tkun isseħħ f'dak iż-żmien.

Jedd għal appell.

30. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd għal appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja dwar proċedimenti li jinqalgħu mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Dispożixxjonijiet Transitorji.

16. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 29 u 30 tal-liġi prinċipali għandhom ikunu jgħoddu għal xi proċedimenti, li jkunu pendenti quddiem xi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali fid-data tas-seħħ ta' dan l-Att.

(2) Meta fil-ġurnata li fiha dan l-Att jibda jseħħ, persuna jkollha ġa l-pussess ta' arma tan-nar imsemmija fl-artikolu 22 tal-liġi prinċipali, iż-żmien ta' tliet xħur indikat fil-proviso ta' dak l-artikolu jibda għaddej mill-ġurnata li fih dan l-Att jibda jseħħ.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 391 tat-22 ta' Ottubru. 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCATT TERRIBILE
Acting Clerk to the House of Representatives